**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 14 ta' Marzu, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 883/1990 AF**

**Ignatius Gatt u b'digriet tad-29 ta' Novembru 1991 stante l-mewt tal-attur il-gudizzju gie trasfuz f'isem Speranza armla minn Ignatius Gatt, Joseph, Carmel, Miriam xebba, Philip, Paul, Alexandra xebba u William lkoll ahwa Gatt**

**vs**

**Franco Facchetti u Andrea sive Andrew Facchetti kemm f'isimhom proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà "Franco Facchetti & Sons Footwear Ltd" u Av. Mark Chetcuti u l-Prokuratur Legali George Scicluna b'digriet tas-27 ta' Settembru 1990 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Joseph Facchetti**

**u b'digriet tal-10 ta' Gunju 1992 gew estromessi l-kuraturi Av. Mark Chetcuti u l-Prokuratur Legali George Scicluna u b'nota l-10 ta' Gunju 1992 Andrea Facchetti assuma l-atti tal-kawza ghan-nom tal-assenti Joseph Facchetti**

**u b'digriet tal-1 ta' Gunju 1994 gew nominati Dr. Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Rowena Grima bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eredità gjacenti ta' Andrea Facchetti**

**u b'digriet tat-18 ta' Settembru 2001 l-Avukat Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud gew nominati Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lil mejjet Franco Facchetti u lil "Franco Facchetti & Sons Footwear Ltd" u b'digriet tat-3 ta' Frar 2017 Dr. Yanika Bugeja giet mahtura minflok Dr. Anthony Cutajar**

**u b'digriet tal-15 ta' Gunju 2016 il-Qorti laqghet it-talba biex l-atti jigu trasfuzi f'isem Annette Meier u Adrian Jonathan Facchetti u dan wara l-mewt ta' Joseph Facchetti**

Il-Qorti:

Rat iċ-ċitazzjoni tal-attur li permezz tagħha wara li ġie premess illi:

Bi ftehim datat l-1 ta' Awwissu 1980 (Dok. A) il-kontendenti kienu intraprendew progett bejniethom ghall-immanifatturar u bejgh ta' zraben f'liema progett l-attur kellu jkun il-finanzjatur tieghu.

L-attur fil-fatt sborsa somom konsiderevoli sabiex inxtara u ingab minn barra minn Malta l-makkinarju, parts u materjal mehtieg ghall-progett fuq imsemmi.

Skond il-klawsola seba' (7) tal-istess ftehim, il-makkinarju u parts imsemmija fl-Appendix 'A' u l-materja prima elenkata fl-Appendix 'B' kif ukoll il-konsenji sussegwenti u z-zraben prodotti dawn tal-ahhar sabiex jinbieghu mill-attur fis-suq, kellhom jibqghu proprjetà assoluta tal-attur sakemm ma javverawx ic-cirkostanzi imsemmija fil-klawsoli ghaxra (10)

u/jew hdax (11) tal-istess ftehim liema cirkostanzi fil-fatt qatt ma avveraw rwiehhom.

Skond il-klawsola erba' (4) tal-ftehim, il-konvenuti pro et noe kienu responsabbli ghall-makkinarju u *equipment* inkluz il-manutenzjoni tieghu u skond il-klawsola hamsa (5) huma kienu obbligati li jassikuraw l-istess flimkien mal-materja prima u l-prodott tul il-progett.

L-imsemmi ftehim gie vjolat mill-konvenuti pro et noe u dawn baqghu jirrifjutaw li jikkonsenjaw lura lill-attur parti mill-makkinarju, *equipment*, materja prima u eluf ta' zraben li kienu tlestew.

Anzi l-istess konvenut pro et noe bdew jutilizzaw l-istess makkinarju u *equipment* ghall-negozji ohra taghhom minghajr ebda hlas ta' kumpens lill-attur ghalkemm ghall-ewwel ftit gimghat hallsu bir-rata ta' hamsin Lira (Lm50) fil-gimgha u sussegwentement frawdolentement iddisponew a favur terzi skond ma qalu huma l-istess makkinarju u *equipment*.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-istess ftehim datat l-1 ta' Awwissu 1980 gie terminat anke minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenuti pro et noe.

2. Tiddikjara u tiddeciedi li skond it-termini tal-ftehim fuq riferit il-makkinarju, *equipment*, materja prima u z-zraben kollha li jirrizultaw li tlestew baqghu jew huma proprjetà esklussiva tal-attur.

3. Tikkundanna lill-konvenuti pro et noe u 'in solidum' bejneithom sabiex jikkonsenjaw lill-attur fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss il-makkinarju u *equipment* li baqa' ma giex ritornat lill-attur fl-istat indikat fil-klawsola erba' (4) tal-ftehim datat l-1 ta' Awwissu 1980; u fin-nuqqas

4. Tikkundannahom ihallsu 'in solidum' bejniethom dak l-ammont li jigi likwidat occorrendo bl-opera ta' periti

nominandi, bhala rapprezentanti l-valur tal-istess makkinarju u *equipment* li ma giex ritornat lill-attur, fl-istat li suppost kien meta spicca l-ftehim dejjem tenut kont tal-obbligi tal-istess konvenuti pro et noe skond il-klawsola erba' (4) tal-ftehim fuq riferit kif ukoll l-ispejjez ta' trasport, insurance u freight sborsati mill-attur biex l-istess ingab mill-Italja.

5. Tikkundannahom 'in solidum' jikkonsenjaw lill-attur il-materja prima u z-zraben kollha li jirrizultaw fit-trattazzjoni tal-kawza li lahqu tlestew; fin-nuqqas

6. Tikkundannahom 'in solidum' ihallsu lill-attur dik is-somma li tigi likwidata, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-prezz tal-materja prima u l-valur li z-zraben kienu jgibu kieku ibieghu fis-suq mill-attur.

7. Tikkundannahom 'in solidum' ihallsu lill-attur dik is-somma li tigi likwidata occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-kumpens gust ghall-utilizzar minnhom tal-makkinarju u *equipment* wara li ma baqghux jipproducu zraben ghall-attur, liema kumpens ikun jew bir-rata ta' hamsin Lira (Lm50) fil-gimgha jew kwalsiasi somma verjuri li din il-Qorti jidhrilha xierqa.

8. Tikkundannahom 'in solidum' ihallsu lill-attur dik is-somma li tigi likwidata occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur inkluz telf ta' imghax, minhabba l-inadempjenzi kontrattwali tal-konvenuti pro et noe.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali ta' Mejju 1989 u tal-mandat ta' qbid numru 1457/90, mandat ta' impediment ta' safar numru 1459/90 u mandat ta' sekwestru numru 1458/90 kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew illi:

L-Onorabbli Qorti m'ghandha ebda gurisdizzjoni biex taghti r-rimedju mitlub mill-attur stante l-klawsola arbitrali li hemm fil-ftehim datat l-1 ta' Awwissu 1980 u cioè l-Artikolu numru 18 fejn hemm ikkuntrattat illi "The parties believe and declare that the success of this project depends to a large extent on the degree of co-operation, trust and understanding between them. Nevertheless, they cannot completely ignore the possibility of any disagreement arising between them in the course of their acitivities or in the interpretation of any clause of this agreement. In the event that such a disagreement cannot be resolved by both parties within two days, it is hereby declared that it will be each party's right and duty to refer such disagreement to Mr. C. L. Farrugia M.Sc(Econ) Lond., CPAA, FCMA, or failing him to Mr. Henry Mifsud, who will act as an arbitrator and whose decision thereon will be final and accepted by both parties as fair and just. Since it is the intention of both parties to avoid court litigations at all costs, only in circumstances when the above-mentioned arbitrator/s will fail to give a decision, for any reason whatsoever, within one month, can the parties then resort to the judiciary."

Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, t-talbiet attrici huma preskritti ghat-tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni ta' qabel it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma kienux il-konvenuti li kisru l-pattijiet u kondizzjonijiet tal-imsemmi ftehim; imma kien l-attur illi vvjola l-imsemmi ftehim liema vjolazzjoni irrekat danni sostanzjali lill-konvenuti minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-attur.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti maħlufa minn Andrea Facchetti li bil-ġurament tiegħu kkonferma:

L-Artikolu numru 18, tal-ftehim imsemmi jghid illi "The parties believe and declare that the success of this project depends to a large extent on the degree of co-operation, trust and

understanding between them. Nevertheless, they cannot completely ignore the possibility of any disagreement arising between them in the course of their activities or in the interpretation of any clause of this agreement. In the event that such a disagreement cannot be resolved by both parties within two days, it is hereby declared that it will be each party's right and duty to refer such disagreement to Mr. C. L. Farrugia M.Sc(Econ) Lond., CPAA, FCMA, or failing him to Mr. Henry Mifsud, who will act as an arbitrator and whose decision thereon will be final and accepted by both parties as fair and just. Since it is the intention of both parties to avoid court litigations at all costs, only in circumstances when the above-mentioned arbitrator/s will fail to give a decision, for any reason whatsoever, within one month, can the parties then resort to the judiciary" u illi ghal snin shah l-attur qatt ma nnotifika lill-konvenuti b'xi dizgwid stante li kien hu stess illi waqaf milli jaghmel ordnijiet ta' zraben, kien hu stess illi waqaf milli jissuplixxi lill-konvenuti bil-materja prima necessarja, kien l-attur stess illi ma hax ix-xoghol li kien manufatturat mill-konvenuti u ma hallasx lill-konvenuti kif kien stipulat fl-imsemmi ftehim u kiser diversi pattijiet u kundizzjonijiet ohra tal-ftehim tal-1 ta' Awwissu 1980.

In-nuqqas ta' ftehim bejn il-pattijiet ma giex riferit la lis-Sur C. L. Farrugia u lanqas lis-Sur Henry Mifsud.

Il-konvenuti kellhom iwaqqfu l-produzzjoni minhabba li naqset il-materja prima; bi ftehim bejn il-partijiet il-manifattura taz-zraben tan-nisa u tat-tfal ma komplitx; il-partijiet ftehmu li jiddedikaw il-manifattura ghal zraben tal-irgiel; fuq talba tal-attur il-konvenuti siefru biex jordnaw ghas-spejjez tal-attur fustini, qieghan, glud, forom ("lasts"), cintilli ("insoles"), u komponenti ohra; xi merkanzija minnhom giet ikkontratata li tintbaghat ma' hrug ta' letter of credit mill-attur u ohra kellha tithallas kontra d-dokumenti; l-attur Gatt ma hareg din il-*letter of credit* u lanqas ma rtira l-merkanzija li waslet Malta ghax din il-merkanzija qatt ma thallset; ir-raguni tal-attur kienet illi ma kellux finanzi; u kien ghalhekk, u ghalhekk biss, li l-manifattura kellha tieqaf.

Minhabba l-agir illegali tal-attur, il-konvenuti soffrew danni sostanzjali stante illi l-attur kellu jzommu lill-konvenuti forniti; illi qabel dan il-ftehim mal-attur, il-konvenuti kellhom fabbrika stabbilita b'klijentela tajba u minhabba dan il-ftehim tilfu l-avvjament li kienu jgawdu.

Apparti milli Gatt waqaf milli jaghmel l-ordnijiet u waqaf ukoll milli jissuplixxi lill-konvenuti bil-materja prima l-attur ghal zmien twil lanqas indenja ruhu milli jirtira l-merkanzija mahduma kif kien obbligat jaghmel darba fil-gimgha.

L-attur lanqas issuplixxa l-konvenuti bil-makkinarju kollu kif pattwit bejn il-partijiet, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Il-konvenuti, wara l-waqfien unjilaterali ta' Gatt zammu l-impjegati ghal sena.

Il-konvenuti jirriservaw id-dritt ta' kawza kontra l-attur ghad-danni fi stadju ulterjuri.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' Andrea Facchetti bħala mandatarju speċjali tal-konvenut Joseph Facchetti li permezz tagħha eċċepixxa illi:

L-Onorabbli Qorti m'ghandha ebda gurisdizzjoni biex taghti r-rimedju mitlub mill-attur stante l-klawsola arbitrali li hemm fil-ftehim datat l-1 ta' Awwissu 1980 u cioè l-Artikolu numru 18 fejn hemm ikkuntrattat illi "The parties believe and declare that the success of this project depends to a large extent on the degree of co-operation, trust and understanding between them. Nevertheless, they cannot completely ignore the possibility of any disagreement arising between them in the course of their activities or in the interpretation of any clause of this agreement. In the event that such a disagreement cannot be resolved by both parties within two days, it is hereby declared that it will be each party's right and duty to refer such disagreement to Mr. C. L. Farrugia M.Sc(Econ) Lond., CPAA, FCMA, or failing him to Mr. Henry Mifsud, who will act as an arbitrator and whose decision thereon will be final and accepted by both parties as fair and just. Since it is the intention of both

parties to avoid court litigations at all costs, only in circumstances when the above-mentioned arbitrator/s will fail to give a decision, for any reason whatsoever, within one month, can the parties then resort to the judiciary."

Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, t-talbiet attrici huma preskritti ghat-tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni ta' qabel it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma kienux il-konvenuti li kisru l-pattijiet u kondizzjonijiet tal-imsemmi ftehim; imma kien l-attur illi vvjola l-imsemmi ftehim liema vjolazzjoni irrekat danni sostanzjali lill-konvenuti minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-attur.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' Andrea Facchetti bħala mandatarju speċjali tal-konvenut Joseph Facchetti li bil-ġurament tiegħu kkonferma illi:

L-Artikolu numru 18, tal-ftehim imsemmi jghid illi "The parties believe and declare that the success of this project depends to a large extent on the degree of co-operation, trust and understanding between them. Nevertheless, they cannot completely ignore the possibility of any disagreement arising between them in the course of their acitivities or in the interpretation of any clause of this agreement. In the event that such a disagreement cannot be resolved by both parties within two days, it is hereby declared that it will be each party's right and duty to refer such disagreement to Mr. C. L. Farrugia M.Sc(Econ) Lond., CPAA, FCMA, or failing him to Mr. Henry Mifsud, who will act as an arbitrator and whose decision thereon will be final and accepted by both parties as fair and just. Since it is the intention of both parties to avoid court litigations at all costs, only in circumstances when the above-mentioned arbitrator/s will fail to give a decision, for any reason whatsoever, within one month, can the parties then resort to the judiciary" u illi ghal snin shah l-attur qatt ma nnotifika lill-konvenuti b'xi dizgwid stante li kien hu stess illi waqaf milli jaghmel ordnijiet ta' zraben, kien hu stess illi waqaf

milli jissuplixxi lill-konvenuti bil-materja prima necessarja, kien l-attur stess illi ma hax ix-xoghol li kien manufatturat mill-konvenuti u ma hallasx lill-konvenuti kif kien stipulat fl-imsemmi ftehim u kiser diversi pattijiet u kundizzjonijiet ohra tal-ftehim tal-1 ta' Awwissu 1980.

In-nuqqas ta' ftehim bejn il-pattijiet ma giex riferit la lis-Sur C. L. Farrugia u lanqas lis-Sur Henry Mifsud.

Il-konvenuti kellhom iwaqqfu l-produzzjoni minhabba li naqset il-materja prima; bi ftehim bejn il-partijiet il-manifattura taz-zraben tan-nisa u tat-tfal ma komplitx; il-partijiet ftehmu li jiddedikaw il-manifattura ghal zraben tal-irgiel; fuq talba tal-attur il-konvenuti siefru biex jordnaw ghas-spejjez tal-attur fustini, qieghan, glud, forom ("lasts"), cintilli ("insoles"), u komponenti ohra; xi merkanzija minnhom giet ikkontratata li tintbaghat ma' hrug ta' letter of credit mill-attur u ohra kellha tithallas kontra d-dokumenti; l-attur Gatt ma hareg din il-letter of credit u lanqas ma rtira l-merkanzija li waslet Malta ghax din il-merkanzija qatt ma thallset; ir-raguni tal-attur kienet illi ma kellux finanzi; u kien ghalhekk, u ghalhekk biss, li l-manifattura kellha tieqaf.

Minhabba l-agir illegali tal-attur, il-konvenuti soffrew danni sostanzjali stante illi l-attur kellu jzommu lill-konvenuti forniti; illi qabel dan il-ftehim mal-attur, il-konvenuti kellhom fabbrika stabbilita b'klijentela tajba u minhabba dan il-ftehim tilfu l-avvjament li kienu jgawdu.

Apparti milli Gatt waqaf milli jaghmel l-ordnijiet u waqaf ukoll milli jissupplixxi lill-konvenuti bil-materja prima l-attur ghal zmien twil lanqas indenja ruhu milli jirtira l-merkanzija mahduma kif kien obbligat jaghmel darba fil-gimgha.

L-attur lanqas issupplixxa l-konvenuti bil-makkinarju kollu kif pattwit bejn il-partijiet, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Il-konvenuti, wara l-waqfien unjilaterali ta' Gatt zammu l-impjegati ghal sena.

Il-konvenuti jirriservaw id-dritt ta' kawza kontra l-attur ghad-danni fi stadju ulterjuri.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tad-9 ta' April 1997 li permezz tagħha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti u għaldaqstant, illiberathom mill-osservanza tal-ġudizzju.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Ottubru 2003 li permezz tagħha rrevokat is-sentenza tad-9 ta' April 1997 u minflok ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u għaldaqstant, irrinvijat l-atti tal-kawża lil din il-Qorti diversament presjeduta sabiex jissokta s-smigħ tal-kawża.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża dwar ksur ta' obbligi kuntrattwali u danni. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur Ignatius Gatt u l-konvenuti Franco Facchetti, Andrea Facchetti, Joseph Facchetti u Franco Facchetti and Sons Limited iffirmaw skrittura datata 1 ta' Awwissu 1980 li permezz tagħha daħlu fi sħab f'negozju għall-manifatturar u bejgħ ta' żraben. Fi ftit kliem, l-arranġament kien illi l-attur jipprovdi l-makkinarju u l-materja prima, u l-konvenuti jipproduċu ż-żraben ġewwa l-fabbrika tagħhom. L-attur qiegħed permezz ta' dawn il-proċeduri jixli lill-konvenuti bi ksur ta' dan il-ftehim u konsegwentement, qiegħed jitlob danni kuntrattwali. Senjatament, l-attur qiegħed jgħid li (i) l-konvenuti ddisponew mill-makkinarju proprjetà tal-attur mingħajr il-kunsens tiegħu u (ii) naqsu milli jipproduċu ż-żraben kif miftiehem u minflok kienu qegħdin jipproduċu żraben oħra sabiex jikkompetu ma dawk li suppost kienu qegħdin jipproduċu skont il-kuntratt.

Din il-kawża ġiet intavolata disgħa u għoxrin sena ilu, l-attur Ignatius Gatt miet ftit xhur wara li ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni u allura l-atti tal-kawża ġew trasfużi f'isem uliedu, fosthom Carmel Gatt.

Filwaqt illi l-atturi ma jaħtux għall-fatt li fil-mori tal-kawża mietu l-konvenuti kollha, u l-leġittimazzjoni tal-atti għal kull wieħed minnhom ħadet iż-żmien, il-Qorti tinnota li biss biss, l-attur għalaq il-provi tiegħu dwar l-eċċezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti fl-udjenza tal-20 ta' Marzu 1996, u ċioè aktar minn ħames snin wara li ġiet intavolata l-kawża, filwaqt illi l-konvenuti ma ġabu l-ebda prova fir-rigward.

Imbagħad, wara li l-Qorti tal-Appell irrinvijat l-atti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, l-ismigħ tal-kawża ssokta dakinhar tad-29 ta' Marzu 2004. Għal tlettax-il sena sħaħ minn dakinhar, ma sar assolutament xejn għaliex l-atturi kienu qegħdin itellgħu u jniżżlu għadx għandhom interess fil-kawża. Dan l-istat ta' fatt baqa' jippersisti sakemm il-kawża ġiet differita *sine die* minn din il-Qorti fl-14 ta' Ottubru 2014.

Fuq talba tal-attur, il-kawża ġiet riappuntata fit-13 ta' April 2015, iżda xorta baqa' ma sar xejn. Fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2017 din il-Qorti kienet kostretta tiddikjara li l-provi tal-attur kienu magħluqa, u dan wara li l-istess attur baqa' ma ressaq l-ebda prova in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu, ħlief kopja tal-iskrittura tal-1 ta' Awwissu 1980. Imbagħad, fit-3 ta' April 2017, iben l-attur, Carmel Gatt, ippreżenta affidavit tiegħu flimkien ma numru ta' dokumenti li l-Qorti ordnat l-isfilz tagħhom mill-atti fuq talba tal-konvenuti in kwantu li ma kinux awtentikati. Minkejja li l-Qorti tat l-opportunità lill-attur jippreżenta kopja awtentikata ta' dawn id-dokumenti, huwa naqas milli jagħmel dan.

Il-konvenuti ma ressqu l-ebda prova fil-mertu ħlief li għamlu kontro eżami tal-attur Carmel Gatt peress li Franco, Joseph u Andrea Facchetti laħqu mietu qabel ma ġie dikjarat magħluq l-istadju tal-provi tal-attur u la l-kuraturi deputati nominati sabiex jirrappreżentaw lill-eredità ġjaċenti ta' Franco u Andrea Facchetti u s-soċjetà Franco Facchetti and Sons Footwear Limited u lanqas l-eredi tal-konvenut Joseph Facchetti ma kienu edotti mill-fatti tal-każ. L-eredi tal-konvenut Joseph Facchetti fil-fatt jinsistu li Joseph Facchetti lanqas biss kien jaf

b’din il-kawża stante li meta ġiet intavolata huwa kien jgħix barra minn Malta u rritorna Malta biss f’nofs id-disgħinijiet.

Għalhekk, nonostante li l-kawża ilha għaddejja disgħa u għoxrin sena, l-uniċi provi fil-mertu li jinsabu fl-atti jikkonsistu f’kopja tal-iskrittura u affidavit tal-attur Carmel Gatt li fil-fehma tal-Qorti lanqas huwa ta’ min joqgħod fuqu, għaliex fil-maġġor parti jikkonsisti minn sensiela ta’ supposizzjonijiet u konġetturi u fuq kollox mhux sostnut bi prova oħra attendibbli. L-attur donnu kien aktar konċernat jirrakonta ġrajjiet li m’għandhom x’jaqsmu xejn ma din il-kawża.

Il-Qorti tistgħaġeb kif l-atturi qegħdin jippretendu li jiġu milqugħa t-talbiet tagħhom, inkluż għall-kumpens tat-telf li allegatament batew, meta ma preżentaw l-ebda dokument jew ressqu xhieda oħra in sostenn tal-pretensjonijiet tagħhom. Fl-affidavit tiegħu, l-attur Carmel Gatt isemmi ħafna dokumenti bħal kotba fejn kienu jinżammu l-ordnijiet, kif ukoll inkontri li kellu ma terzi li setgħu jixħtu dawl fuq il-fatti tal-każ, imma għal raġunijiet li jafhom hu biss, l-ebda xhud ma tressaq biex jixhed u l-ebda dokument ma ġie preżentat kif iridu r-regoli tal-proċedura.

Filwaqt li din il-Qorti ma temminx il-verżjoni tal-eredi ta’ Joseph Facchetti li l-konvenut Joseph Facchetti ma kienx jaf b’din il-kawża, l-atturi naqsu milli jispjegaw għalfejn huma qatt ma ressqu mqar lil Joseph Facchetti sabiex jixhed, u dan minkejja li fis-seduta tad-29 ta’ Settembru 2005 huma ddikjaraw li kienu jafu li Joseph Facchetti kien irritorna Malta u kienu jafu fejn qiegħed joqgħod.

Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili, b'differenza minn kawżi kriminali fejn il-liġi tesiġi li l-prova tal-ħtija għandha tirriżulta mingħajr dubju raġjonevoli, fil-kamp ċivili huwa biżżejjed li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant. Din ċ-certezza morali rikjesta f'kawżi ċivili hija l-effett tal-bilanċ tal-probabilitajiet. Mera possibilità mhux suffiċjenti biex tirradika r-responsabilità ċivili.

F’dan il-każ l-atturi naqsu milli jikkonvinċu lill-Qorti mqar fuq bażi ta’ probabilità mill-verżjoni tagħhom u ċertament naqsu

wkoll milli jressqu l-aħjar prova. F'ċirkostanzi bħal dawn meta l-attur ikun naqas milli jġib 'il quddiem il-provi tiegħu meta kellu l-opportunità jagħmel dan ikollu jingħad li allura *imputet sibi* (ara f'dan is-sens u kuntest id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Stephen Camilleri vs Coralline Stone Malta Limited, tad-9 ta' Novembru 2005 u d-deċiżjonijiet hemm citati). Jekk huwa naqas milli jużufruwixxi ruħu mill-opportunità lilu mogħtija, fiż-żmien lilu konċess, l-attur m'għandux ilum ħlief lilu nnifsu.

In linea preliminari, il-konvenuti eċċepew il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16. Dan jaqra hekk:

> *"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
>
> *(f) azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku."*

L-ebda parti ma ġabet prova dwar minn meta kellha tibda tiddekorri l-preskrizzjoni u ċioè meta kien dovut il-kreditu li qiegħed jitlob l-attur permezz ta' dawn il-proċeduri u allura din il-Qorti m'għandha l-ebda għażla ħlief li tiċħad din l-eċċezzjoni fid-dawl tan-nuqqas ta' prova fir-rigward.

Finalment, il-Qorti tagħmel riferenza għan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur Carmel Gatt, li fiha mhux inqas minn 247 paġna, liema nota hija miktuba b'mod konfużjonarju u inkoerenti għall-aħħar u karenti kważi għal kollox minn kull sens ta' ordni ta' ħsieb.

Wara li l-Qorti ppruvat taghsar il-kontenut ta' din in-nota, jirriżulta li l-attur kull ma qiegħed jgħid hu li mhuwiex verosimili li l-konvenut Joseph Facchetti ma kienx jaf bl-eżistenza ta' din il-kawża kif qegħdin jippretendu l-eredi tiegħu, kif ukoll illi l-atturi m'għandhomx ibatu minħabba l-aġir allegatament abbużiv tal-konvenuti. Dwar tal-ewwel din il-Qorti diġà espremiet l-opinjoni tagħha, imma terġa ttenni li

kien jew ma kienx jaf Joseph Facchetti fuq din il-kawża, ma jibbenifika lill-atturi bl-ebda mod għaliex l-ewwel u qabel kollox riedu jkunu huma li jippruvaw il-premessi għat-talbiet tagħhom. Dwar tat-tieni wkoll, il-Qorti diġà qalet li l-atturi ma rnexxilhomx iressqu prova sodisfaċenti sabiex jikkonvinċu lill-Qorti, imqar fuq bażi ta' probabilità, mill-verżjoni tagħhom.

Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuti, tiċħad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom.

IMHALLEF

DEP/REG